**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 30 ta' Novembru 2021

Rikors Numru: 87/2019 AL

**A B C nee` D E**

**vs**

**L-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud b'Digriet tal-25 ta' Jannar 2019 ġew nominati sabiex jirrapprezentaw lil F B C**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 1129/2011)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

*Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom li ssehh fir-Registru Pubbliku nhar it-Tnejn ta' Lulju 2011 u dank if jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat bhala Dok A);*

---

[1] Fol. 1 – 41.

*Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, tifla G li twieldet nhar l-erbatax ta' Settembru 2014 (Anness B) li hija minuri u tifel H li twieled nhar il-wiehed u tletin ta' Jannar 2016 (Anness C). It-tnejn imwielda Malta, u dank if jidher mill-annessi certifikati tat-twelid (annessi u mmarkati bhala Dok B u Dok C);*

*Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet konjugi C ma ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, infedeltajiet u finalment l-abbandun tal-familja da parti tal-konvenut u b'hekk iz-zwieg taghhom tfarrak b'mod irrimedjabbli, u l-hajja konjugali hija impossibli anke ghal fatt illi huwa telaq barra minn Malta ghal pajjizi ohra mhux maghrufa;*

*Illi r-rikorrenti ghamlet diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni izda dawn ma tawx frott minhabba l-intransigenza tal-konvenut;*

*Illi l-partijiet naqsu ukoll milli jaslu ghal separazzjoni bonarja bejniethom minhabba il-fatt illi –konvenut ma jinsabx gewwa Malta u l-abitazzjoni tieghu hija skonnoxuta, u ghaldaqstant ir-rikorrenti kellha tintavola dawn il-proceduri;*

*Illi l-attrici giet debitament awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi b'din il-kawza u dan skond l-istess digriet moghti mnn din l-istess Qorti datat 25 ta' Jannar elfejn u dsatax. (Dok D) u fejn gew appuntati id-depputati kuraturi Dr. Mark Mifsud Cutajar u P.L. Veronica Rosignaud ghal assenti konvenut;*

*Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghamdiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-konjugi minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-konvenut F B C lejn martu A B C;*

2. *Tafda il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri G u B C f'idejn l-attrici;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa*

*skond il-bzonnijiet tal-attrici u l-imsemmija tfal minuri u skond l-mezzi tal-konvenut, liema retta tkun pagabbli filjum u hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;*

4. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti; tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-istess ogetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit min din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrci u l-ohra lil konvenut, u dan okkorendo b'opera ta perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

5. *Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;*

6. *Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 sa 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum, hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

8. *Tawtorizza lil-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

9. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghall-kujom ta' xbubita, jigifieri D E.*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-konvenut li hum minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi permezz ta' digriet datat il-25 ta' Jannar 2019, l-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u lill-Prokuratur Legali Veronica Rosignaud ġew maħtura bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-liġi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut;

Rat li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawza,[2] u li ġietipprezentata minnhom risposta nhar it-30 ta' April 2019,[3] fejn ġie eċċepit:

*Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivate f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut assenti;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[4]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar is-27 ta' Ottubru 2020, fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet il-fakolta' li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet;[5]

Rat in-nota tal-attriċi datat il-15 ta' April 2021, permezz ta' liema ċediet il-kawza fil-konfront tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;[6]

Rat ir-rikors tal-attriċi datat il-15 ta' April 2021, fejn talbet lil Qorti sabiex taħtarha bħala kuratriċi *ad litem* sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri fil-kawza odjerna u f'kull proċedura sussegwenti;[7]

Rat ir-rikors tal-attriċi datat is-7 ta' Ottubru 2021, fejn talbet lil Qorti sabiex tirtira r-rikors tagħha stess tal-15 ta' April 2021,[8] liema talba ġiet akkolta permezz ta' digriet mogħti *seduta stante* fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2021;[9]

[2] Fol. 44.
[3] Fol. 47.
[4] Fol. 9.
[5] Fol. 102.
[6] Fol. 106.
[7] Fol. 107.
[8] Fol. 111.
[9] Fol. 113.

Rat li l-Qorti ġiet infurmata mill-Avukat tal-attriċi li ma hemmx il-ħtieġa li tiġi pprezentata nota ta' sottomissjonijiet, u konsegwentament l-Avukat Kuratur Deputat tal-konvenut assenti ġie kkomunikat dan permezz ta' *email* mibgħut lilu dakinhar stess;[10]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[11]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li F B C ħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, inkluz li l-konvenut ddekada mid-dritt tiegħu għall-manteniment minn għand l-attriċi;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja u manteniment għall-minuri;

4. Tordna lill-konvenut iħallas manteniment lill-attriċi;

[10] *Ibid.*
[11] *Ibid.*

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, inkluz li tordna lil konvenut jirritorna lill-attriċi l-assi parafernali tagħha;

6. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha *'D E'*;

7. Tawtorizza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra s-sentenza rigward il-firda personali tal-partijiet.

**2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut*

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tispjega li ltaqgħat mal-konvenut tramite ħabib in komuni li kelhom, u zzewġu bir-rit reliġjuz ġewwa l-Moskeja nhar l-20 ta' Marzu 2011, u sussegwentament izzewġu bir-rit ċivili nhar it-2 ta' Lulju 2011. Maz-zwieġ, il-partijiet marru jirrisjedu flimkien fid-dar tal-ġenituri tal-attriċi ġewwa l-Marsa fejn ma kellhomx iħallsu kirja jew kontijiet tad-dawl u ilma. Tali deċizjoni ttiehdet sabiex nelfrattemp il-partijiet jilħqu jfadlu l-flus biex konsegwentament ikunu f'pozizzjoni li jixtru proprjeta' immobbli flimkien.

Wara z-zwieġ, jingħad illi l-attriċi bdiet taħdem fil-*Call Centre* tal-HSBC Bank Malta plc, filwaqt li l-konvenut kien qiegħed jaspira li jibda n-negozju tiegħu tal-kisi ġewwa Mata u l-esportazzjoni ta' oġġetti minn Malta lejn pajjiz twelidu. B'hekk u sakemm l-attriċi kienet taħdem fuq bazi *full-time*, il-konvenut ma kellux introjtu bil-konsegwenza li l-attriċi kienet qiegħda tassisti lill-konvenut sabiex jagħti bidu lin-negozju li kien qiegħed jaspira li jkollu. Madanakollu, l-attriċi tisħaq li hi qatt ma rat flus minn dan l-allegat negozju.

L-attriċi tikkontendi illi l-ewwel sena taz-zwieġ tagħhom kienet mimlija argumenti dwar fejn kien qiegħed ikun il-konvenut matul il-ġurnata, in-nuqqas tal-prezenza tiegħu d-dar, f'attivitajiet familjari u n-nuqqas ta' kommunikazzjoni. Madanakollu l-konvenut dejjem ittenta jikkonvinċi lill-attriċi li ma kien qiegħed jagħmel xejn ħazin, izda kien jisħaq magħha li hi kienet qiegħda tisfa' toħodha miegħu minħabba li kienet tinsab imdejqa fuq il-post tax-xogħol. L-attriċi tgħid illi fl-ewwel sena taz-zwieġ *"I found myself feeling like I was living with a complete stranger, a man I could not come to recognise or even start to*

*comprehend”*.[12] Mill-bidu taz-zwieġ jidher li l-problema kienet tirrigwarda l-fatt jekk il-konvenut kienx qiegħed ikun infidil lejn martu, hekk kif l-attriċi tgħid illi *“I always gave him the option of ending the marriage should he wish to do so, if he is so unhappy to have to seek extramarital sexual pleasures”*.[13] Madanakollu, il-konvenut ma riedx jittermina z-zwieġ tiegħu mal-attriċi, izda kien dejjem jipprommetti lill-attriċi li ser jinbidel fl-attitudni tiegħu – liema attitudni tajba kienet iddum biss ftit ġimgħat u konsegwentament il-konvenut kien jerġa’ jkompli bl-aġir tas-soltu fejn jittenta jiġġustifika l-aġir tiegħu abbazi tal-fatt li l-partijiet kienu għadhom jgħixu mal-ġenituri tal-attriċi, jew għax l-attriċi ma kienetx issajjar x’ħin tasal lura mix-xogħol, jew abbazi kwalsiasi raġuni oħra.

Minkejja li l-attriċi sub-konxjament kienet taf li kien hemm xi ħaġa ħazina, hi dejjem kienet tibqa’ bit-tama li maz-zmien il-konvenut kien ser jaddatta ruħu għal ħajja mizzewġa. Izda hekk kif il-konvenut saħansitra ammetta li kien infidil lejn l-attriċi qabel iz-zwieġ, kulma jmur, din tal-aħħar bdiet iktar tissusspetta u tiddubita dwar il-konvenut in vista li ma kienetx tafdah. L-attriċi tikkontendi illi *“the saga continued day after day, year after year, he was never around, I had completely lost trust in him”*. [14] Fir-rigward ta’ dan, l-attriċi tagħti rendikont tal-episodji kollha fejn qabdet lill-konvenut jikkomunika ma’ nisa oħra:

i. Wara z-zwieġ, l-attriċi saret taf li qabel iz-zwieġ, il-konvenut ammetta li kien infidil lejha hekk kif kellu relazzjoni ma’ mara ta’ nazzjonalita’ Belġjana;

ii. Matul l-ewwel sena taz-zwieġ tagħhom l-attriċi qabdet lill-konvenut jikkomunika telefonikament ma’ numru ta’ nisa. Sabiex terġa’ tagħti ħajja liz-zwieġ tagħhom, f’Diċembru tas-sena 2011, il-partijiet marru safra ġewwa Marsilja, Franza, liema safra ġiet iffinanzjata mill-attriċi;

iii. F’Awwissu tas-sena 2012, l-attriċi sabet messaġġi li l-konvenut bagħat lil eks tfajla tiegħu, izda hekk kif ġie affrontat dwar dan, il-konvenut wieġeb li l-ħabib tiegħu uza ċ-ċellulari tiegħu biex jibgħat lil din il-mara. Il-konvenut għal darb’ oħra pprometta li ser jibdel l-aġir tiegħu;

[12] Fol. 9.
[13] *Ibid.*
[14] Fol. 10.

iv. Meta l-attriċi kellha bzonn ċellulari, il-konvenut kien taha wieħed minn tiegħu, u hekk kif l-attriċi kienet qiegħda tbattal iċ-ċellulari mid-*data* li kellu, sabet messaġġ mibgħut lill-istess mara li allegatament kien qiegħed jibgħatilha l-ħabib tal-konvenut miċ-ċellulari tal-konvenut, fejn tali mara ġiet mitluba sabiex ma tweġibx telefonati jew messaġġi minn għand l-attriċi, hekk kif l-attriċi sabet xi messaġġi, u fi kalunkwe kaz din il-mara għandha dejjem tgħid li hija l-għarusa ta' I. Għal darb' oħra, l-attriċi kkonfrontat lill-konvenut, fejn dan tal-aħħar sab diversi skuzi għal tali aġir, filwaqt li sar vjolenti u allegatament refa' jdejh fuq l-attriċi, liema episodju ħalla lill-attriċi bi problemi f'widintha tant li kellha tbiddel ix-xogħol tagħha u marret tadem ma' *Crosscraft*.

Fil-perjodu bejn l-2011 u l-2013, il-konvenut ma kienx jaħdem, izda kellu aċċess għal kont bankarju tal-attriċi. Minkejja li l-konvenut ma kienx jaħdem, huwa xorta kien jmur il-Ghana, tal-inqas darba fis-sena, u barra minn hekk ittiehed ukoll *loan* ta' €4,000 mill-bank sabiex il-konvenut ikollu l-kapital neċessarju sabiex jibda n-negozju tiegħu. Għall-aħħar tas-sena 2013, l-attriċi ħarġet tqila bl-ewwel wild, izda saret taf b'dan għal ħabta ta' Jannar 2014 meta l-konvenut kien jinsab il-Ghana. Minkejja li l-konvenut sar jaf bit-tqala tal-attriċi waqt il-btala tiegħu ġewwa l-Ghana, huwa kien *distant* mill-attriċi tant li kull darba kienet iċċempillu kien ikun dejjem fuq ix-xwiek li jaqta' minn magħha. Fil-fatt l-attriċi tikkontendi li l-konvenut qatt ma kien prezenti fit-tqala, kien dejjem distanti minnha, u lanqas ma pprova jsib impjieg fuq bazi *full-time*. Waqt it-tqala, il-kuntatt ma' nisa oħra ma waqafx, anzi l-attriċi tispjega li darba fost l-oħrajn waqt li l-konvenut kien rieqed, beda jirċievi numru ta' messaġġi fuq l-*ipad* li kellhom in komuni l-partijiet, fejn waħda mara bdiet tibgħat numru ta' ritratti indiċenti u messaġġi sesswali. L-attriċi qajmet lill-konvenut, fejn dan beda jisħaq li din il-mara kienet ħabiba antika u ma kellu l-ebda idea għaliex kienet qiegħda tibgħat dawn ir-ritratti u messaġġi. In vista tal-fatt li l-attriċi kienet tqila, tgħid li kienet indeċiza dwar x'kellha tagħmel hekk kif ma xtaqietx li bintha titrabba mingħajr missier, u għaldaqstant ikkonvinċiet lilha nnifisha li permezz tal-imħabba li l-konvenut għad ikollu għal bintu, din taf tinkoraġġih sabiex ibiddel il-modi tiegħu.

Wara t-twelid tal-ewwel tarbija, il-konvenut ma kienx jgħin daqstant fit-trobbija tal-wild għaliex fil-fehma tiegħu dan kien xogħol tan-nisa. B'hekk l-attriċi sabet lilha nnifisha dejjem waħedha għaliex il-konvenut lanqas ma ried lil familjari tal-

attriċi jgħinu għaliex dan dlonk kien jilmenta li ma kienx qiegħed ikollhom privatezza. Min-naħa l-oħra pero, il-konvenut ma kellux introjtu, filwaqt li *"flirting with other woman was a never ending saga"*,[15] u l-*ipad* kien ikun mimli ritratti ta' diversi nisa u s-siti pornografiċi, u *di piu'* l-ilmenti tal-konvenut issa kienu jiffukaw ukoll fuq il-fatt li l-attriċi ma kienetx tagħmel *makeup* jew il-mod kif kienet tilbes. Nonostante dan, l-attriċi baqgħat dejjem tipprova tagħmel dan iz-zwieġ jirnexxi, l-iktar minħabba l-minuri. Il-problemi bejn il-partijiet baqgħu dejjem dwar l-istess kwistjonijiet, ċjoe' *"flirting with women, his lack of interest in his daughter, his lack of responsabilities, and him always spending times with his friends"*.[16]

Konsegwentament u fl-2015, l-attriċi nqabdet tqila bit-tieni wild wara li l-konvenut beda jgħid li l-partijiet għandhom jippruvaw jaħdmu fuq iz-zwieġ. L-attriċi ma riedetx li jkollhom wild ieħor stante li ma kienux finanzjarjament stabbli sabiex irabbu tarbija oħra, u meta kien ikollhom rapporti intimi l-attriċi kienet tinsisti mal-konvenut sabiex jagħmlu uzu minn kontraċettivi, izda l-konvenut ma kienx jagħti widen. Minkejja x-xewqat tal-attriċi, din ħarġet tqila u bdiet tinsisti mal-konvenut li kellu jsib impjieg fuq bazi *full-time* u jieħu ħsieb lil familtu. Fil-fatt l-attriċi tikkontendi li kienet hi stess li bdiet tapplika għal numru ta' impjiegi f'isem il-konvenut, tant li l-konvenut beda jaħdem ma' Alf Mizzi *full-time* u *part-time*. Jingħad illi l-introjtu mill-impjieg *full-time* kien imur għal bzonnijiet tal-familja, filwaqt li l-*part-time* kien izommu l-konvenut għalih innifsu. Għal perjodu qasir ta' zmien, il-konvenut kien qiegħed jaġixxi sewwa fil-konfront tal-attriċi u uliedu, izda maz-zmien reġa' qabad ir-rutina tas-soltu fejn ikellem numru ta' nisa differenti, jingħalaq fil-kamra tas-sodda, il-ħwejjeġ tal-attriċi bdew jiġu nieqsa mid-dar stess, u beda jagħti lill-attriċi s-somma ta' €500 fix-xahar għal bzonnijiet tad-dar u familja, inkluz għal ħlasijiet tal-kont tal-internet u r-ripagament tas-self mal-bank.

F'Jannar tas-sena 2016 twieled it-tieni wild tal-partijiet, fejn din id-darba l-konvenut kien prezenti għat-twelid. B'hekk l-attriċi kienet konvinta li l-konvenut kien ser jinbidel fl-aġir tiegħu. Izda wara ftit ġimgħat li twieled il-minuri, filwaqt li l-konvenut kien jinsab fil-kamra tas-sodda, l-attriċi rrealizzat li l-konvenut kien qiegħed jieħu xi ritratti. Minħabba n-nuqqas ta' fiduċja li l-attriċi għandha fil-konfront tal-konvenut, wara li dan raqad hija bdiet tara x'kellu fuq iċ-ċellulari

[15] Fol. 11.
[16] *Ibid.*

tiegħu, fejn sabet ritratti ta' tlett (3) nisa differenti, li kienu bgħatulu ritratti ndiċenti, filwaqt li hu rreċiproka lura kemm b'ritratti u kif ukoll b'*videos* indiċenti. Hekk kif l-attriċi kkonfrontatu, l-konvenut beda jibki u jgħid li ma kienx jaf għaliex qed jaġixxi hekk. Madanakollu l-partijiet bdew jorqdu fi kmamar separati, imma dan għaliex fil-verita' il-konvenut beda jgħid li ma setgħax jorqod sew matul il-lejl minħabba uliedu minuri għaliex ma kienux qegħdin iħalluh jorqod.

Is-sitwazzjoni bejn il-partijiet kompliet sejra għall-agħar, hekk kif il-konvenut beda jkellem iktar nisa, u jingħalaq f'kamartu għal ħin twil. Meta l-attriċi kienet tipprova tkellmu jew tersaq lejh, dan kien jorqod jew jevita kull tip ta' kuntatt fiziku magħha. Nelfrattemp, il-konvenut baqa' jmur il-Ghana, u darba minnhom, meta ġie lura Malta, huwa beda jirċievi messaġġi fuq il-pjattaforma soċjali *Facebook* minn ċertu mara li bdiet tallega li kienet tqila. L-attriċi mill-ġdid ikkonfrontat lil konvenut, u beda jgħid li l-problema tal-attriċi kienet proprju li lilu ma tafdahx. Izda l-attriċi tispjega li dan l-argument baqa' għaddej ġmielu, u wara dan l-episodju l-konvenut beda jiekol l-ikel li ssajjar l-attriċi, joħroġ lill-uliedu flimkien mal-attriċi, filwaqt li pprova jkun iktar prezenti b'mod ġenerali. Izda l-attriċi tikkontendi li s-saħħa mentali tagħha bdiet tiddetterjora, hekk kif il-konvenut kien jipprezumi li huwa dejjem kellu raġun, filwaqt li jakkuza lilha li hi kienet dejjem taqla' l-problemi. Izda illum l-attriċi tifhem illi l-aġir tal-konvenut ma kien xejn ħlief abbuz mentali pperpetrat fuqha.

Il-konvenut beda ukoll jitkellem telefonikament mal-għarusa ta' ħabib tiegħu, bl-isem ta' J K. Madwar April tal-2017, wara argument li kellhom il-partijiet, il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali għal tlett (3) ijiem, izda permezz tal-*ipad* l-attriċi setgħat titraċċa l-konvenut u tiddentifika li kien jinsab l-Mellieħa, proprju l-lokalita' fejn kienet tirrisjedi l-għarusa tal-ħabib tiegħu. Madankollu l-konvenut innega li kien jinsab il-Mellieħa, izda għal darb' oħra l-attriċi għazlet li tibqa' temmen fiz-zwieġ tagħha mal-konvenut, minkejja li kienet taf li z-zwieġ tagħhom kien spiċċa. Il-konvenut kien jagħmel ġranet sħaħ 'l bogħod mill-attriċi, u kull darba li dan ma kienx jirrispondiha fuq iċ-ċellulari, din dlonk kienet tikkontrolla fejn kien jinsab permezz tal-*ipad*, u oħroġ il-għaġeb dejjem kien ikun il-Mellieħa. Meta l-konvenut kellu jitla' l-Italja sabiex jgħin xi ħabib tiegħu sabiex inizzel karozza, permezz tal-*ipad* l-attriċi skopriet li l-konvenut kien jinsab Sqallija. Minn riċerka ulterjuri, l-attriċi skopriet li l-konvenut mar Sqallija ma' J K. Dakinhar li l-konvenut kellu jasal lura Malta, oħt l-attriċi u kuġinithom marru

ġewwa l-ajruport ta' Malta sabiex jivverifikaw dan kollu, li fil-fatt irrizulta minnu. Hekk kif l-attriċi għarrfet lil konvenut li kien beħsiebha tibda l-proċeduri ta separazzjoni, l-konvenut ikkonvinċha lill-attriċi li kien ser jagħmel minn kollox biex isalva z-zwieġ tagħhom u li kien ser jinvesti fir-relazzjoni tagħhom. Fil-fatt l-attriċi tgħid li huma bdew joħorġu lit-tfal mill-ġdid, izda l-konvenut kien neħħa kull possibilita' lill-attriċi li tiċċekkja dwar fejn kien jinsab fuq l-*ipad*. Konsegwentament, il-konvenut mar l-Izvezja izda rrifjuta li jinforma lill-attriċi għaliex kien mar hemmhekk, kif ukoll id-data meta kien ġej lura Malta. Meta l-konvenut wasal lura Malta, l-attriċi ppruvat tagħmel dak kollu li kien jogħġob lill-konvenut, izda mit-13 ta' Diċembru 2017, l-konvenut beda jaġixxi bħal qabel, fejn minnflok attenda attivita' familjari mal-attriċi, għazel li jmur *party* ma' ħabib tiegħu, u minn dakinhar 'il quddiem il-konvenut beda joħroġ mid-dar filgħodu u jidħol tard bil-lejl, u kull ma jmur kien dejjem ikun iktar distanti minn mal-attriċi. Il-konvenut kien jgħid lill-attriċi sabiex ittiħ l-ispazju u tħallih fil-paċi. Dan il-komportament baqa' għaddej għal xhur sħaħ.

Finalment, l-attriċi kienet ċerta li kellha tissepara lill-konvenut, tant li fl-aħħar ta' Marzu/bidu ta' April 2018, il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, u f'Ġunju tal-istess sena, il-konvenut telaq lura lejn il-Ghana. Madwar Awwissu 2018, J K kkuntatjat lill-attriċi u qaltilha l-verita' kollha. Sabiex tikkorrabora dan, l-attriċi tipprezenta:

i. Ic-*chatlog* fuq il-pjattaforma soċjali *Messenger* bejn l-attriċi u J K;[17]

ii. Ic-*chatlog* fuq il-pjattaforma soċjali *Whatsapp* bejn il-konvenut u J K;[18]

iii. Numru ta' ritratti tal-konvenut u J K flimkien;[19]

iv. Ix-xhieda ta' L M N, ċjoe' oħt l-attriċi, ta' nhar il-11 ta' Diċembru 2019;[20] u,

v. Ix-xhieda ta' O P, ċjoe' il-kuġina tal-attriċi, ta' nhar il-11 ta' Diċembru 2019.[21]

[17] Fol. 17 – 32.
[18] Fol. 33 – 35.
[19] Fol. 36 – 41.
[20] Fol. 87.
[21] Fol. 90.

*Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi*

Il-Qorti tirrileva li l-intimat assenti huwa rapprezentat minn kuraturi deputati, izda mill-atti ma hemm l-ebda prova li dawn il-kuraturi deputati ttentaw jagħmlu kuntatt mal-konvenut. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tara li hija sprovvista mill-verzjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-kaz odjern.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[22] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[23] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[24] fejn ġie

[22]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[23]Deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[24]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom"*, filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima"*.[25] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[26] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[27]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ"*.[28]

*b. <u>Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju</u>*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra"*.[29]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi:

[25] **Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[26] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[27] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[28] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[29] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

*"L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali".*[30]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[31] fejn ġie dikjarat li:

*"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

c. *<u>Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun</u>*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża fl-ismijiet **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[32] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

*"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun*

[30] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[31] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).
[32] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

*mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[33] fejn il-Qorti sostniet illi:

*"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn...".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti u s-sottomissjonijiet tal-attriċi, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ, il-Qorti hija tal-fehma illi z-zwieġ tal-partijiet tkisser minħabba adulterju, moħqrija, inġurji gravi u abbandun da parti l-konvenut. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma ssibx prova ta' eċċessi u theddid, u b'hekk ma tistgħax issib lil konvenut ħati f'dan ir-rigward.

Il-Qorti tara li mill-atti jirrizulta ampjament ċar illi l-attriċi rnexxielha tipprova sal-grad rikjest tal-liġi illi matul iz-zwieġ tiegħu mal-attriċi, il-konvenut kien infidil lejha ta' l-inqas ma' mara waħda Maltija u ċjoe' J K. Il-provi mressqa ma jħallu l-ebda dubju dwar l-aġir adelturuz tal-konvenut, fejn:

i. J K stess fic-*chatlogs* mal-attriċi tammetti r-relazzjoni li kellha mal-konvenut, fejn tgħid: *"my relationship with F was nice until the last few*

[33] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

*months"*,[34] liema relazzjoni kienet ukoll intima,[35] u tiddeskrivi lil konvenut bħala *"he was like a proper boyfriend"*;[36]

ii. Ir-relazzjoni bejn il-konvenut u Mario K ġiet ikkonfermata ukoll permezz tac-*chatlogs* bejnu u l-istess K, fejn *inter alia* l-konvenut jgħidilha *"I love you and I will never stop loving you and you are my everything and my life"*;[37]

iii. Ir-ritratti esebiti tal-konvenut flimkien ma' J K;[38]

iv. Magħdud mal-premess, oħt l-attriċi u kuġinthom, fix-xhieda tagħhom jikkonfermaw taħt ġurament illi huma raw lil konvenut fl-ajruport ta' Malta mal-imsemmija J K.[39]

Dan l-aġir huwa wieħed gravi u kolpuz li għandu jiġi penalizzat. B'hekk il-Qorti qiegħda ssib lill-konvenut ħati ta' adulterju u nġurji gravi tenut kont taċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom l-attriċi. Barra minn hekk, wara li l-Qorti fliet bir-reqqa l-konversazzjoni bejn l-attriċi u J K, hija tinsab moralment konvinta li l-konvenut kien raġel manipulattiv u ħa vantaġġ mit-tjubija tal-attriċi. Fil-fatt il-Qorti ma temminx li għandha tinjora l-kummenti ta' J K fejn tgħid *"he's a bloody good actor"*,[40] *"he's hurt us both me just a bit but you so so much"*,[41] filwaqt li tiddeskrivih bħala *"cunning"* u *"deceitful"*.[42] Għal tali raġuni, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attriċi kienet vittma ta' moħqrija pperpetrata mill-konvenut. Għalkemm l-attriċi kellha d-dubji tagħha dwar il-konvenut, mill-atti jirrizulta ċar li din ma kellhiex il-kuraġġ li tieqaf lill-konvenut milli jkompli bl-aġir skifuz tiegħu, bil-konsegwenza li l-konvenut kompla jezerċita l-poter tiegħu fuq l-attriċi u jagħmel biha li jrid, hekk kif ma kienx jimpurtah mid-dannu mentali, emozzjonali u psikoloġiku li kien qiegħed jikkawza lill-attriċi.

---

[34] Fol. 22.
[35] Ara l-kumment ta' J K a fol. 26, fejn tgħid *"I'm off to doctor after work to get me checked and if I have anything omg… I'll get that typed up from doctor too why I'm asking them to take samples that I'm clean down there"*.
[36] Fol. 32.
[37] Fol. 33.
[38] Fol. 36 – 41.
[39] Ara x-xhieda tagħhom, a fol. 87 u 90, rispettivament.
[40] Fol. 20.
[41] Fol. 29.
[42] Fol. 27.

Magħdud mal-premess, u fir-rigward ta' abbadun mid-dar matrimonjali, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda dubju u dan abbazi tal-provi li għandha quddiemha, li r-raġuni ewlenija għaliex iz-zwieġ tkisser huwa minħabba l-adulterju kommess da parti l-konvenut. Pero' l-ezerċizzju tal-Qorti huwa li tara jekk il-fatti kif irrakkontati u konsegwentament vverifikati mill-provi mresqa mill-attriċi, humiex tali li jissodisfaw ir-rekwiziti elenkati fil-liġi nostrana. Hekk kif ħa jiġi delinejat hawn isfel, l-abbandun tal-konvenut huwa fil-fatt wieħed li jinkwadra taħt il-kriterji in kwistjoni:

i. L-abbandun ilu għaddej għal iktar minn sentejn. Jirriżulta illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali f'Marzu/April 2018 u baqa' sal-lum, tlett (3) snin wara u qatt ma rritorna lura. L-intimat ilu nieqes għal dawn is-snin mingħajr ebda kuntatt imqar telefoniku mal-attriċi u konsegwentement toħroġ kjarament l-intenzjoni żgura u ferma tiegħu li ma jerġax imur jgħammar mar-rikorrenti;

ii. L-abbandun ma kienx ġustifikat, hekk kif mix-xiehda tal-attriċi, jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni valida biex iwassal lill-intimat jitlaq mid-dar taż-żwieġ. Minkejja li jirriżulta li l-konvenut kien adelturuz fil-konfront tal-attriċi, il-konvenut għazel li jaqbad u jitlaq ħabta u sabta, mingħajr ma offra ebda spjegazzjoni. Jekk kien hemm xi ġustifikazzjoni għalfejn huwa qabad u telaq, huwa ma ressaqx ir-raġunijiet tiegħu għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li z-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u qed issib lill-konvenut ħati ta' adulterju, moħqrija, inġurji gravi u abbandun fil-konfront ta' martu.

### 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha, *in toto* jew *in parte*, id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut huwa ħati għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba adulterju, moħqrija, inġurji gravi u abbandun fil-konfront ta' martu. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

## 4. Manteniment lill-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob li l-Qorti tordna lil konvenut sabiex iħallas mantaniment adegwat għaliha. Madanakollu fit-tieni affidavit tal-attriċi, maħluf nhar il-21 ta' Mejju 2019 u pprezentat permezz ta' nota datata 24 ta' Ottubru 2019, l-attriċi kkontendiet f'dan ir-rigward illi *"Jiena nahdem filwaqt li nrabbi lil uliedi u ghalhekk qed nirrinunzja ghal kwalsiasi manteniment dovut lili"*.[43]

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus*, ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti bħalma għamlet għal dan l-aħħar zmien. Madanakollu u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'kaz ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-zewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. Il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

[43] Fol. 59.

Miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieldu zewġt itfal, u ċjoe' G li twieldet nhar l-14 ta' Settembru 2014,[44] u H li twieled nhar il-31 ta' Jannar 2016.[45] Dan ifisser illi fil-prezent, il-minuri għandhom seba' (7) snin u ħames (5) snin, rispettivament. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-minuri jirrizulta li qatt ma ġiet regolarizzata b'mod formali minn din il-Qorti.

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Setgħa ta' Ġenitur, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[46] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[47] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**[48] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[49] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-*

[44] Ara ċ-ċertifikat tat-twelid, a fol. 6.
[45] Ara ċ-ċertifikat tat-twelid, a fol. 7.
[46] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[47] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[48] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[49] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

*kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[50] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[51] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati

[50]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[51]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern*</u>

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem fdata b'mod konġunt

f'idejn il-partijiet. Fil-prezent il-minuri G u H, aħwa B C, għadhom minorenni u b'hekk għadhom taħt is-setgħa tal-ġenituri tagħhom.

Il-Qorti tagħti ħarsa lejn dak li saħqet l-attriċi, hekk kif fl-affidavit tagħha tgħid illi *"Minhabba il-fatt li hu qatt ma wera interess fit-tfal u minhabba il-fatt li hu ilu li telaq mill-pajjiz minn Gunju ta 2018 il-kura u kustodja ghandha tkun tieghi biss. Minn Gunju 2018 l'hawn hu la qatt cempel u wisq anqas ikkontribwixxa lejn il-manteniment ta' tfal. Nemmen li jekk qatt jerga' jigi lura Malta l-access mat-tfal ghandu jkun supervizjonat u dan fid-dawl li t-tfal ma jafuhx u ftit nista' nafdah li jaghtihomli lura"*.[52] Il-Qorti rat illi dak allegat mill-attriċi ġie konfermat permezz ta' provi suffiċjenti, u b'hekk huwa kristallizat li l-attriċi dejjem kienet hi li tieħu ħsieb lill-minuri, u kompliet tagħmel dan b'mod esklussiv waħedha wara li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali f'Marzu/April 2018 u sussegwentament minn Malta f'Ġunju tal-istess sena.

F'kaz simili għal dan odjern, senjatament fis-sentenza fl-ismijiet **Carol MonteF vs Dr Helga Buttigieg et noe**,[53] il-Qorti rribadiet illi dan it-tip ta' aġir *"huwa wieħed li jirrispekkja disinteress u nuqqas ta' volonta' li wieħed jinvolvi ruħu b'mod adegwat fit-trobbija ta' uliedu stess. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex lok sabiex tiddubita li l-minuri daħlu f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex prezenti. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-modus vivendi, anzi bil-wisq tikkundannah u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lill-uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-ġenitur lieħor filwaqt li kappriċċozament jagħmel tabirruħu li m'għandux ulied u jgħix ħajja oħra".* Fl-kaz odjern ma hemm xejn x'jindika li l-konvenut jinsab f'komunikazzjoni mal-minuri, anzi addirittura l-attriċi tgħid li l-minuri ma jafuhx lil missierhom. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tirribadixxi li kull ġenitur, inkluz il-konvenut, għandu jimpjena ruħu sabiex ikun f'kuntatt telefoniku u kif ukoll fiziku, b'mod kontinwu u kostanti ma' uliedu, u dan anke jekk jagħzel li jgħix f'pajjiz ieħor minn dak li fih qegħdin jirrisjedu l-minuri.

Għaldaqstant u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi ġialadarba l-konvenut abbanduna lil uliedu u ħalla lill-attriċi tfendi għal

[52] Fol. 59.
[53] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar l-24 ta' Ġunju 2021, mhux appellata.

rasha biex tmantni u tgħajjex lill-istess minuri, il-kura u kustodja għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi. Dan fisser illi l-minuri għandhom ikomplu jgħixu mal-attriċi, u b'hekk ir-residenza u domiċilju tal-minuri għandhom jkunu ġewwa Malta, filwaqt li l-attriċi tkun awtorizzata tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti li jinkludu izda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaporti tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaporti maħruġa fuq isem il-minuri għandhom jinzammu fil-pussess tal-attriċi.

Fir-rigward tal-aċċess, il-Qorti tara li mill-atti jirrizulta li l-minuri ilhom ma jaraw jew jikkomunikaw sew ma' missierhom għal zmien twil. Ma huwiex magħruf f'dan l-istadju jekk il-konvenut jinsabx il-Ghana *o meno*. Madanakollu mill-atti jidher li fi kwalunkwe kaz, fil-prezent il-minuri mhux qed ikollhom aċċess jew kuntatt ma' missierhom, tenut kont tal-fatt ukoll li l-konvenut mhux qed juri interess lejn uliedu. Il-fatt li tezisti possibilita' li l-konvenut jinsab barra minn Malta, jagħmilha ferm diffiċli għall-minuri sabiex jarawh b'mod fiziku, imma ma hemm xejn milli jimpedixxi lill-konvenut milli jikkomunika magħhom elettronikament u jarawh virtwalment b'mod frekwenti u kostanti.

Il-Qorti tirribadixxi illi minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbazi struzzjoni professjonali. B'hekk, f'kawzi ta' din ix-xorta, il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilita' li ġenitur u iben jew bint, ikollhom relazzjoni. Għaldaqstant u tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju u *rebus sic stantibus*, tipprjobixxi illi jsir aċċess b'mod fiziku bejn il-minuri u l-missier, madanakollu l-Qorti tara li l-minuri għandhom ikunu liberi li jekk iridu huma jikkomunikaw b'mod eletroniku ma' missierhom u jarawh b'mod virtwali.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikomplu jgħixu ma' ommhom, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tikkontendi illi *"Nixtieq nitlob manteniment ghal minuri I jkun jista' jkopri ftit mill-ispejjez li jiena nsostni ghal hajja ta' kuljum. Jien nahseb li fic-*

*ċirkostanzi l-ammont ta' €200 fix-xahar ghal kull wild ghandu jkun bizzejjed biex jghini nimxi il-quddiem".*[54]

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' (4) ġimgħat għal kull minuri, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal minuri G u H, aħwa B C, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk l-ulied imorru jgħixu għal rashom meta jsiru maġġorenni, il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

**6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu ċivilment nhar it-2 ta' Lulju 2011, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjonii tal-Istess*

[54] Fol. 59.

Fir-rigward ta' proprjeta' u/jew dar matrimonjali, il-Qorti tinnota li fiz-zwieġ ma jidhirx li saru transazzjonijiet ta' xiri jew bejgħ ta' proprjeta'. Barra minn hekk u for-rigward tad-dar matrimonjali, l-attriċi tikkontendi li *"id-dar matrimonjali ossia fejn nghixu jiena u uliedi taghmel parti mill-fond tal-genituri tieghi li kienu tawna il-permess sabiex nirrangawha u nghixu fiha. Ma ghandna l-ebda titolu ghal din id-dar. Jiena dejjem fejns tajt qsamt mal-genituri tieghi il-kont tad-dawl u l-ilma u kwalsiasi servizzi ohra"*.[55]

Għaldaqstant u għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tiddikjara li l-fond matrimonjali ma għadux iservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, bil-konsegwenza li l-konvenut ma għandu l-ebda jedd fuq l-imsemmi fond.

Fir-rigward ta' mobbli li jinsabu ġol-fond matrimonjali, il-Qorti tordna li dawn għandhom jiġu kollha assenjati lill-attriċi u dan tenut kont li r-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ tirrisjedi unikament fil-konvenut.

Fir-rigward tal-vetturi li kellhom u/jew li għandhom fuq isimhom il-partijiet, il-Qorti tara li ma tresqitx xhieda tar-rapprezentant tat-Transport Malta u b'hekk ma jirrizultax x'vetturi hemm li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu, l-attriċi tgħid illi *"il-karozza li kien juza F giet skrepjatha waqt illi hu kien ghadu hawn. Il-karozza li qieghda nsuq issa jiena xtrajtha f'Jannar 2019 minn flusi meta F kien ilu x-xhur li telaq minn Malta"*.[56] Fiċ-ċirkostanzi kien ikun idoneju illi jitressaq rapprezentant tat-Transport Malta, izda fil-kaz odjern u minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi kull karozza li tinsab irreġistrata fuq isem l-attriċi, din għandha tiġi assenjata lilha.

## 7. Assi Parafernali:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tikkundanna lil konvenut jirritorna l-assi parafernali kollha tagħha. Konsegwentament u fl-affidavit tagħha, l-attriċi tiddikjara illi *"jien ma kelliex assi parafernali u sa fejn naf jien lanqas F"*.[57] Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

---

[55] *Ibid.*
[56] Fol. 60.
[57] *Ibid.*

## 8. Kunjom Xbubit l-Attriċi:

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoe' *'D E'*. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62 subinċiz (1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-konvenut, filwaqt li tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 1129/2011 u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' it-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri G u H, aħwa B C, esklussivament f'idejn l-attriċi, filwaqt li fir-rigward tal-aċċess il-Qorti, *rebus sic stantibus*, tipprjobixxi illi jsir aċċess b'mod fiziku bejn il-minuri u l-missier, madanakollu l-Qorti tara li l-minuri għandhom ikunu liberi li jekk iridu huma jikkomunikaw b'mod eletroniku ma' missierhom u jarawh b'mod virtwali;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba, hekk kif fir-rigward tal-manteniment għall-attriċi, il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus,* ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti bħalma għamlet għal dan l-aħħar zmien, b'dana illi u fi kwalunkwe l-kaz, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'kaz ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-zewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment; filwaqt li fir-rigward tal-manteniment għal minuri, il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull

erba' (4) ġimgħat għal kull minuri, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, liema manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal minuri G u H, aħwa B C, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri; Jekk l-ulied imorru jgħixu għal rashom meta jsiru maġġorenni, l-manteniment jitħallas direttament lilhom;

4. Tilqa' ir-raba' talba attriċi, u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, filwaqt li tillikwida, tiddividi u tassenja l-istess komunjoni skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti'*; izda tastjeni milli tinnomina nutar u kuratur għal tali fini;

5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba attriċi;

6. Tilqa' is-sitt talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kkontemplati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

7. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba attriċi;

8. Tilqa' it-tmien talba u tawtorizza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra s-sentenza odjerna;

9. Tilqa' id-disa' talba u tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha *'D E'*.

L-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.